# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sbatax (19) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 31 t' Awissu 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li x-xogħol f'triq il-Menqa [punt 4 tal-laqgħa preċedenti]lestiet.

4. Il-kunsilliera qablu unanument li x-xogħol tal-knis u tal-qtuħ tal-ħaxix mhuwiex skond l-aspettativi tagħhom u x-xogħol mhux qiegħed jasal għall-għan tagħhom. Il-kunsillier Francis Callus ippropona li nagħmlu evalwazzjoni tal-kuntratt ma' Innovations Limited jekk ix-xogħol ma ssirx sa l-aħħar tal-ġimgħa, u l-kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment. Kien hemm qbil madwar il-mejda illi l-magna hija tajba, iżda s-servizz waqa lura.

5. Is-sid tal-karozza [punt numru 7 tas-seduta numru 18] neħħa l-karrozza mill-post wara li l-Kunsill għamel talba lil pulizija biex jieħdu azzjoni.

**Korrispondenza**

6. Is-Sur Alexis Callus se jorganizza t-tielet edizzjoni ta' 'Gloria Fesival', fejn waħda mill-attivitajiet se tkun fil-parroċċa ta' Ħal Safi. Hu talab l-għajnuna tal-Kunsill għal ħlas tat-trasport għal artisti sar-raħal. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera li l-attivita għanda ssir għal ġid tar-raħal, u sar diskusjoni jekk għandhiex isir il-ħlas.

7. L-ajruport Internazzjonali ta' Malta se tiċċelebra l-għoxrin anniversarju tal-ftuħ tat-terminal. Jixtiequ jagħżlu raħal wara l-mina biex ikunu imħawlin tlett mitt siġra bħala kommemorazzjoni

tal-anniversarju. Il-Kunsill ma jistax jilqa l-offerta għax m'hemmx post kbir biżżejjed biex jakkomoda l-amont ta' sigar.

## Ħwejjeġ oħra

8. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera bil-pjan tiegħu għal Childcare Centre ġor-raħal. Il-Kunsill applika biex jieħu fondi għal nofs l-amont tal-ispejjeż għall-bini. Il-kunsilliera qablu mal-ideja iżda jemmnu li għandna nikklarifikaw ħafna affarijiet qabel ma nkomplu nieħdu l-passi bl-ideja. Il-kunsilliera jemmnu li nkollna nfittxu iżjed fondi sabiex nagħmlu l-proġett għax il-Kunsill ma jistax jaffordja l-ammont propost. Fl-istess ħin kien hemm qbil illi r-responsabilità ma taqax fuq il-Kunsill. Is-Sindku u d-deputat segretarju eżekuttiv se jaraw jekk il-Ministeru tal-Edukazzjoni lest tieħu ħsieb dan il-proġett.

9. Is-Sindku attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt fejn intqal illi mill-ewwel ta' Settembru 2011, il-Kumitat Reġjonali se jibdew jieħdu ħsieb il-multi li joħorġu l-wardens. Il-Kunsill, bħal Kunsilli oħrajn, se jkollu jiġri wara l-flus dovuti lejħ sal-31 t'Awwissu 2011. Għalhekk il-Kunsill se jagħmel rikonċilazzjoni tal-multi.

10. Is-Sindku żied illi persuna ħa l-inizzjativa biex ibiddel il-lampi fuq il-koppla tal-knisja mingħajr ma avża lil Kunsill u li issa jixtieq li l-Kunsill iħallas il-kont. Il-kunsilliera jixtiequ jikkunsidrawa għalhiex jemmnu li l-persuna kellu jiġi sal-Kunsill bit-talba qabel ma sar ix-xogħol. Għalissa l-kont mhux se jkun imħallas.

11. Il-kunsilliera ddiskuttew talba sabiex nagħmlu bankina f'triq San Ġorġ. Il-kunsilliera qablu mat-talba.

12. Is-Sindku kellu talba minn persuna f'triq in-Newba sabiex inbaxxu l-bankina. Il-kunsilliera qablu li t-talba ssir realta, iżda li l-bankina kollha għanda titbaxxa.

13. Is-sinjura Connie Bonnet, li tieħu ħsieb id-Day Centre, għamlet ikla għal membri u talbet għal ftit għajnuna ta' finanzji għall-ikla għal membri fl-okazzjoni tal-festa ta' San Pawl. Bħal fil-każ ta' punt numru 10, il-kunsilliera jemmnu li kella tiġi tinforma lil Kunsill qabel, iżda peress li fil-passat dejjem għamlet din it-talba qabel, u bil-miktub, se jaċċettaw li nħallsu persentaġġ tal-amont li ħarġet is-sinjura Bonnet.

14. Il-kunsillier Eddie Bonello informa l-Kunsill illi hemm bozza maħruqa ġo triq Pio Zammit. Il-bozza se tkun mibdula.

15. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa l-kunsilliera illi beda l-kors għas-segretarji eżekuttivi u li għalissa mhux dieħel l-uffiċju kull nhar ta' Tnejn waqt il-ħinijiet tas-sajf. Meta l-Kunsill jibqa miftuħ sal-5 se jattendi il-kors filgħodu u jidħol l-uffiċju wara.

16. L-items fuq l-aġenda ma ġewx kolla diskussi u dawn se jiġu diskussi f'laqgħa oħra.

17. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 18.

18. Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm.

19. Il-laqgħa li jmiss se tkun fil- 15 ta'Settembru 2011.

Approvati llum 15/09/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv